# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li 'għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**46.** **17 ta' LULJU 1909.** **L-EUUEL SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ-tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.**


# Il Mogħoż u id-Deni.

L-ebda ħaġa ma tiġri f'id-dinja jecc ma tcunx gejja minn xi ħaġ'oħra, u għalhecc meta ŭieħed ma jridx li jcollu bajd iżjed m'ħux b'iż-żejjed li jgħaffġu jeŭ li jarmieh iżda hemm bżonn li joktol it-tigieġa.

L-istess ħaġa hemm bżonn li jssir f'dina it-tixŭixa li tkanklet fuk il ħalib ta'l mogħoż u id-deni. Ma hux b'iż-żejjed billi jsibu il microbu ta'd-deni f'il ħalib ta'l mogħża iżda hemm bżonn li jaraŭ dana mnejn giè hemm, għaliex hemm ma jinbetx ŭaħdu iżda jintricheb minn xi band' oħra. U dana hu tant veru li is-Sanità ma hix ħlief tħambak u tipprietca fuk l-indafa ta' fejn ijżommu il mogħoż. Kabel ma' jsiru ħafna ligijiet kliel, kabel ma jekirdu minn Malta eluf ta' mogħoż li imbagħad forsi meta nerġgħu ncunu irriduhom ma jerġgħux l-ura, kabel ma jitfgħu f'ħalk il ġuħ ħafna nies li jgħixu minnhom hemm bżonn li il Gvern jagħmel Cummissjoni seŭŭa ta' tobba għorrief u indipendenti ħalli tara mnejn hu gej dana id-deni misħut, u imbagħad meta jcunu jafu tasseŭ mnejn hu gej għandhom jagħmlu il-ligijiet għaliex ijcunu kiegħdin jibnu fuk pedament sod.

Bosta tobba kiegħdin ijŭaħħlu f'il mogħża u oħrajn f id-drenaġġ; jecc tisma lil daŭc tgħid li għandhom ħafna raġun u jecc tisma lil daŭn ucoll. Għalhecc f'loc li jibka jinħela iż-żmien f'il cliem u il-liticar aħjar li ŭieħed joktol il brimba m'il eŭŭel u 'jara mnejn hu gej tasseŭ dana id-deni biex meta ŭieħed imbagħad jagħmel xi ħaġa biex ineħħieh ijcun miexi f'is-sod u il ħsara li jagħmel ijcun hemm tasseŭ il bżonn cbir li jssir għal gid ta'l poplu collu.

Li id-Drenaġġ li għandna sa chemm ma jcunx maħsul seŭŭa bl-ilma gieri bħal daŭc ta' pajjisi oħra ma jisŭa xejn kalu saħansitra is-Segretarju Merewether f'il Cunsill stess; u sachemm ma jcunx hemm dana il *flushing* kaŭŭi ma'l irŭej-jaħ li joħorġu m'il ventilaturi joħorġu ucoll il microbi ta'd-deni li jcunu daħlu f'id-drenaġġ ma dac li jneħħu il morda. Daŭna il microbi, ma daŭc ta' ħafna mardijiet oħra, ijniġġżu l-arja u min ijcun fjacc jinbtu fih.

Jista jcun ħafna, u dana għandhom jistudjaŭh seŭŭa u b'ir-rekka collha, li il mogħża u l-actar meta jcollha il ħalib taħtaf actar malajr daŭn il microbi li jcun hemm fl-arja u għalhecc timrad b'dana id-deni actar minn annimali oħra.

Mela jecc hu hecc il ħtija tcun collha ta'd-drenaġġ u malli id-drenaġġ ijcun maħsul seŭŭa chif ijmissu il microbi ma jibkgħux jimpestaŭ l-arja, il mogħża ma tirchibhomx u b'hecc ma jgħaddux bi ħsara cbira f'il bniedem. B'hecc ma jcunx hemm bżonn li jsiru ligijiet ħorox, li jinkerdu mogħoż jeŭ li familji sħaħ ijsibu ruħhom f'il għera u f'il ġuħ.

Mela il Cummissjoni li tant tħaddtu fukha da'l ġranet il gazzetti hemm bżonn li ijssir u m'il actar fis; u hemm bżonn li fiha ma jcunx hemm imdaħħlin tobba li għandhom x'jaksmu ma's-Sanità għaliex daŭna ma jakbliħomx jitfgħu il ħagra fuk sakajhom billi jiccundannaŭ id-drenaġġ. Hemm bżonn ucoll li f'il Cummissjoni jcun hemm tobba li jifhmu seŭŭa billi jcunu raŭ ħafna morda u għaddeŭ ħafna casi minn taħt idejhom bħal ma huma il Prof: Sammut, il Prof: Mifsud, it-Tabib Naŭdi u xi oħrajn bħal daŭn. It-Tabib Caruana-Scicluna, it-Tabib u Prof: Temi Zammit, it-Tabib ingliż Hill u l-ieħor li hemm u it-Tabib Pullicino ucoll ftit jaraŭ minn da'l casi billi ma humiex kiegħdin fl-esercizzju ta'l Medicina seŭŭa. L-aħjar feh-ma li hemm hi dic ta't-Tabib Stilon u nistagħġeb chif tabib bravu bħal dac għamel ismu f'dac ir-rapport li hu imchittef chemm jista jcun.

Mela hemm bżonn li m'il actar fis issir Cummissjoni seŭŭa sabiex tiddecidi dana il mishut deni mnejn hu gej. Hemm bżonn li dina il Cummissjoni tcun magħmula minn tobba għorrief li jaraŭ minn daŭna il casi ta'd-deni cull jum u li jcunu indipendenti tant m'il Gvern chemm ucoll m'il Uffiċċju Sanitarju ħalli jcunu jistgħu jgħidu dac li jħossu bla biża ta' ħadd.

Meta issir dina il Cummissjoni chif għedna u jsibu mnejn hu gej dana id-deni allura jcun il ŭakt li ŭieħed jistudja liema huma l-aħjar mezzi biex jekirduh u hemm ijcun il ŭakt li jsiru ligijiet seŭŭa.

Jagħmluha tgħid ? Jakblilhom ?

## FRAC.

Il Magistrat Camilleri ħa il-*leave* scond ir-regolamenti; u f'locu gej il Magistrat ta' Għaŭdex Camillu Mifsud. Mela Għaŭdex ma hemmx xogħol b'iż-żejjed x'jagħmel dan il Magistrat? Jecc hu hecc għala ma jżiduhx ma ta' Malta għal collox fejn haŭn ħafna x'jagħmel?

★

It-Tabib Agius, f'ir-«Risorgimento» għamel stedina biex fl-24 ta' dana ix-xahar, għeluk sena m'il meŭt ta'l patriotta Sigismondu Savona, jsirlu funeral għal ruħu. Ħaġa xierka ħafna u li tistħokklu.

★

Nirringrazzja b'il kalb lil Cumitat ta's-«Soċjetà Economico-Agraria» talli għoġobha tistedinni għal festa ta'l Imnarja; bħal ma nirringrazzja b'kalbi collha ucoll lil ħabriechi u popolari Sur Salv Zammit ta' l'istedina għa't-tiġrija ta'l Carmnu li saret nhar l-Erbgħa li għaddiet f'Ta's-Sliema. Is-Sur Salv ħakku cull tifħir għaliex cull sena ħolok divertiment sabiħ ħafna għal min jħobbu u billi in-nies tagħmel ŭisk għal dina għal it-tiġrija ijkankal ftit mi'n-ngħas icreħ li jinsab fiħ il cummerċ tagħna.

★

Meta ingħidu li haŭn il għacs f'Malta ma incunux kiegħdin nigdbu, u meta ingħidu li il Gvern li għandna, billi barrani, ftit jati cas biex jerfagħna minnu ma ncunu kiegħdin xejn nakilgħu minn żniedna. Iżda aħna, u l'actar il poplu baxx, għandna ħtija ta' dan ucoll. Morru f'il għaxija iċ-Cinematografi u taraŭhom maħnuka bħal bajda; iċ-cinematografi kiegħdin jinbtu gozz, gozz u tista tgħid collha jżommu; il festi bakgħu bl-isparar u it-tiżjin bħal dari; meta tigi l-Imnarja jeŭ xi festa f'il campanja il carrozzini jincreŭ b'id-deheb u trid tagħmel miraclu biex issib ŭieħed; meta tmur hemm tara in-nisa micsija kurkaċa deheb, u l-irgiel jissacru u jgħannu f'il ħŭienet. Dana ma juri xejn li fost il poplu baxx tagħna kiegħed jaħchem il għacs u il ġuħ u għalhecc il Gvern tagħna ma jemminx u ma jħabbilx rasu. Ŭieħed ingliż gŭapp da'l ġranet dan li kalli u ma għaraftx nirrispondieh, għaliex meta nara iċ-Cinematografi maħnuka b'in-nies f'kalbi dejjem ingħid :— « Tasseŭ li haŭn il għaks jeŭ le ? Għaliex min hu b'il ġuħ imkar sold ijkisu. »

★

Għandu raġun ħafna » Anonymous » ta'l « *Malta Herald* » meta chiteb li m'hux seŭŭa li f il ħin li f'Malta kiegħed iħaġġeġ id-deni, u l-actar id-deni tifu, it-Tabib Caruana-Scicluna kiegħed jaħli żmienu fl-Università u il Prof: Temi Zammit, barra m'il-lezzjonijiet jokgħod isiefer u jaħli iż-żmien biex jistudja l-antichità. Chiecu dana iż-żmien jaħluh biex jaraŭ mnejn hu gej il ħafna deni li haun u li tafa tant tebgħa cbira bi ħsara li ma bħalha fuk il pajjis chienu jcunu kiegħdin jakdu ŭisk aħjar dmirhom lejn dac il poplu li kiegħed iħallashom għal hecc u m'hux biex ijħaxcnu bŭiethom b'xogħlijiet barranija li għad ll jagħmlu gid lilhom iżda jaljienaŭhom ħafna minn dac li huma imħallsin għalieh. Jecc fl-Offiċċju Analiticu hemm tant xogħol li chien hemm bżonn ijgħalbu il Caxxa b'is-salarji ta' zeŭġ assistenti, chif jista il Prof: Zammit ijsib iż-żmien biex jagħmilha ta' Prof: ta'l Chimica u ma' dan m'hux biss Direttur ta'l Muzeŭ iżda jokgħod isiefer biex jistudja l-Archeologija u b'hecc m'hux biss jitlak l-offiċċju iżda jħalli ucoll l-istudenti ta'l Chimica bla lezzjonijiet f'il ġranet ta' kabel l-eżamijiet ? Jecc għandu żmien x'jaħli f'daŭn l-affarijiet allura il għajnuna ta'l assistenti ma għandux bżonnha.

L-istess ingħidu għa't-Tabib Caruana-Scicluna u miegħi kaluh xi gazzetti oħra ucoll bħal ma huma il « Herald » u il « Gazzetta di Malta. » Jecc dana it-Tabib hu tant imgħobbi b'ix-xogħol sanitarju li jridu b'il forsi ijżidulu mitt lira f'is-sena malli għandu, x'ijrid l-eżamijiet li fihom jaħli gmiegħi sħaħ ? Għala ma jħabbilx rasu biss biex jara chif jekred dana il mishut deni li kiegħed jaħsad ħafna nies u li għarrak il gieħ ta' Malta għal collox ? Għala ma jdurx daŭra l-ilma ta'l bjar seŭŭa (mnejn actarx gej id-deni tifu) u b'hecc ijcun kiegħed jisŭa is-salarju li għandu u jati ftit x'jagħmel l'it-Tabib Analista ħalli jderrilu ftit m'il Archeologite li kabditu ? Jecc ma għandux tant x'jagħmel b'mod li jista jlaħħak ma l-eżamijiet għal fejn ijridu jżiduh daŭc il mitt lira f'is-sena ? Għala ma jneħħulux iż-żeŭġ Assistenti ta'l Isla u ta' Birchircara li kiegħdin jerdgħu m'il Caxxa ħames mitt lira f'is-sena ?

Meta sejra tispiċċa dina il cuccanja cherha ta'l Uffiċċju Sanitarju li hu id-Dipartiment li l-actar kiegħed jarda flus m'il Caxxa u li fl-istess ħin hu dac li lankas kiegħed jakdi dmiru seŭŭa, u li ma għamilx ħlief brutti figuri geŭŭa il Korti chif jafu cullħadd.

Dana ma inhix kiegħed ingħidu għax't-Tabib Caruana-Scicluna għamilli libell iżda għaliex għal gid ta'l poplu u bħalha ġurnalista onest inħoss li għandi ingħid hecc u għaliex dan kaluh il gazzetti l-oħra collha u tisma lil cullħadd igħidu il ġurnata chemm hi tŭila; u biex infiħem lil xi ħadd li meta hemm bżonn nati lil cullħadd dac li jmissu għandi il ħila nagħmlu, u nibka nagħmlu sa chemm ma jaktgħulix rasi, bla ma jŭaħħaxni l-ebda babaŭ u bla ma ixxecchilni l-ebda sarima.

*Amicus Plato sed magis amica veritas.*

★

Għoġbuni ħafna l-erba chelmiet li is-Sur Ŭistin Randon dac il bniedem ħaŭtiel li tant ijħabrec biex ijgib il kuddiem il biedja tagħna, gieb fuk il "Gazzetta di Malta" fuk il għeneb fejn kal li jcun ta' gid cbir għal Maltin jecc jiżirgħu idŭŭieli biex jagħmlu l-imbit u biex f'il pajjis ijcun haŭn ftit imbit *naturali* f'loc l-*artificiali* li ma hux ħlief taħlita ta' ħafna ħŭejjeġ li ma jagħmlux ħlief deni cbir f'is-saħħa. B'hecc kal u b'ir-raġun il flus li jmorru Barra għal imbit jibkgħu haŭn u il Maltin m'hux biss ijcunu jistgħu jixorbu imbit m'hux imbagħbas iżda m'il aħjar billi il għeneb ta' Malta jati imbit tant tajjeb li dac li bagħat il Marchis Ugo Testaferrata f'Bordeaux għal l-Esposizzjoni ħa il « Grand Prix » f'pajjis l-imbejjet tajba stess. Kal ucoll li jecc icollna għeneb b'il bosta

billi tagħna jilħak ħmistax il ġurnata kabel dac ta pajjisi oħra għa'x l-art tagħna sħuna u xotta, dana jista jimbagħat Barra fejn billi jcun l-eŭlieni jgib il flus it-tajba. Mela iżirgħu id-dwieli, ħaffru f 'il blat il-« lani » ħalli tħaddru il campanja tagħna u tgħallmu għamlu l-imbit ħalli ma nixorbux actar dac l-Ilma miżbuħ li jigi minn Barra, ħalli flusna jibkgħu f 'darna, ħalli m'il bejgħ tiegħu nigbdu xi sold f'pajjisna u ħalli m'il bejgħ ta'l għaneb Barra inħasslu xi gid m'il biedja tagħna.

Is-Sur Urzi telak in-negozju u kiegħed ġmielu jagħmel l-imbit f 'Malta. Ma taħsbux li jakbel ?

★

**Cull min iŭiegeb m'il aħjar li jaf għal daŭna il mistoksijiet li gejjin, basta jcun imsieħeb u jcun ħallas l-aħħar tliet xhur JIEĦU CTIEB PREMJU. It-tŭiegib għandu jinbagħat sa'l aħħar ta' dana ix-xahar.**

1. **Minn chemm ilha toħroġ in-"Naħla" liema hu l-articolu li għoġboc l-actar ?**
2. **Liema hu l-actar ŭieħed li ma għoġbocx ?**
3. **X'articoli ġodda tixtiek tara f'in-«Naħla» ?**
4. **Liema articoli ma tixtiekx tara iżjed f'in-« Naħla »?**
5. **X'tibdil tixtieku jsir ieħor f'in-« Naħla » biex actar tintgħoġob?**
6. **X'parir ittini li nagħmel fiha biex incattar l-imsieħbin?**
7. **Għala il ħbieb tiegħec ma ħumiex imsieħba ? u għidli ċar u tond bla mistħija ta' xejn x'igħidu favur jeŭ contra ta'n-« Naħla. »**
8. **Tixtiek tara culltant xi articoli bl-ingliż jeŭ b'it-taljan f'in-« Naħla. »?**

★

**Għal l-Istrina bi ħsiebi nagħmel** SITT LIRI FLUS PREMJI **(Tliet liri, tnejn u ŭaħda) għal ħaġa tant ħafifa li jista jidħol għaliha cull imsieħeb. Il kuddiem ingħidilcom chif.**

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Fi Vjenna** ġara f'il Korti fatt curjus ħafna. Kuddiem l-Imħallef giebu lil Barunissa Amalja De Lavreux, ta' sittax il sena, u il Pulizija gżata li serket oġġetti li jisŭeŭ xi ħames liri f 'il ŭakt li chienet tagħmilha ta' seftura. Il Barunissa, li chienet liebsa bħa's-sefturi l-oħra, kalet lil l-Imħallef li missierha chien fizzjal fl-armata Aŭstriaca u li iżżeŭŭeġ it-tifla ta' laŭżar m'il Moravja u għalhecc chellu jitlak m'is-servizz. Ŭara ftit ħarab u telak l-ommha u lilha għal bieb Alla. Ommha ŭara xi żmien mardet u ma felħetx taħdem iżjed u għalhecc hi marret seftura biex tmantni l-ommha. Iżda billi is-salarju li chellha ma chienx ijlaħħak għal marda t'ommha serket dac l-arloġġ b'il catina biex bagħtet il flus l-ommha. Malli kalet dina l-istorja ta'l bichi ħassha ħażin u inxteħtet minn tulha b'għasra cbira ta kalb ta' cull min chien hemm.

**F'Cherbourg,** belt fi Franza, fl-imħażen ta't-torpedo sar ħruk cbir ŭisk u tħabtu ħafna biex ma tarx il famus tarznar fl-arja b'collox. Iżda il ħsara li saret hi cbira u tlaħħak bosta miljuni ta' franchi.

**Lord Ripon,** li bosta drabi kabeż għalina il Maltin f'il Parlament Ingliż, miet.

**L-Aŭstralja** sejjra tŭakkaf armata u għalhecc stiednet lil Lord Kitchner biex jidħol għaliha hu. L-Inghilterra kalet li tħallieħ ijmur b'il kalb collha.

**Lord Charles Beresford** kala it-tifħir ta'l aħjar Ammiralli Ingliżi fuk it-taħdita li żamm ma ilux fejn kal li l-Inghilterra għandha bżonn issaħħaħ il Flotta u iżżid fiha in-nies.

**Id-Daily Telegraph** ijgħarrafna li li-*Standard Oil Company* ta'l America m'hux talli kiegħda tagħmel fŭejjaħ l-actar fini m'il pitrolju iżda li issa sabet ucoll chif tagħmel il butir u li dana hu ŭisk actar sustanzjus minn dac li jsir m'il ħalib ta'l bakar. Ħaġa li tgħaġġeb !

**Fi Stoccolma** sar il Congress contra it-Tiżi u ħadu sehem tobba imfaħħra m'il aħjar pajjisi.

**F'Messina** u f 'it-Turkestan inħassu tgħeżżiżiet kaŭŭija ta' terremot.

**Il vapur Shimosa,** għad li ma hux m'il cbar, ftit ilu ħa f 'iċ-Cina fi vjaġġ ŭieħed tmien t'elef passiġġier; u għad li chienu ħallata, ballata ħadd minnhom ma għemgħem. Tafu għaliex ? Għaliex chienu collha mejtin. Iċ-Cinisi jemmnu li jecc ma jindifnux f 'pajjishom ma jistgħux jidħlu il genna, u għalhecc dejjem ijfaddlu għokda flus biex meta jmutu barra m'il pajjis jieħdu gisimhom f 'iċ-Cina. Dana il vapur ma chellux fuku ħlief ġabra minn daŭna il cadavri ta' Cinisi li mietu fl-America. Geŭŭa il caxxa dejjem ikiegħdulhom il-laħam u ir-ross għaliex ijgħidu li jecc f'it-tebut ma jcollhomx x'jieclu ma jcunux jifilħu jaslu sa'l genna tagħhom !

**Alec: Avis,** ta' Waltham Abbey, ivvinta torpedo li l-Ammiraljat ta'l Inghilterra kiegħed jistudja biex ijdaħħlu f'il flotta. Dana jaħdem b'it-telegrafija-senza-fili u jtajjar fl-arja bastiment imkar ijcun għaxar mili bogħod jeŭ iżjed. Il baħri abbord ijcollu machinetta li tista tokgħod ġo but u meta jħaddimha jmixxi, ijŭakkaf u jispara it-torpedo meta jrid u fejn ijrid bla ma lilu jistgħu jilħkuh l-egħdeŭŭa. Dana it-torpedo jiġri daks sajjetta u jista jcun fih xi tullunnata dinamite. Vera macna ta'l infern !

**F'il Maine,** fl-America, cull għażeb li jagħlak it-tlietin sena u ma jcun fittex katt biex jiżżeŭŭeġ jibda jħallas taxxa ta' żeŭġ liri f'is-sena u daŭna il flus ijmorru biex ijgħajjxu lil dauc ix-xebbiet li jcunu għalku erbgħin sena bla ħadd ma riedhom.

**F'Jersey** sejjer ijsir l-acbar pont imdendel ta'd-dinja biex ijgħakkad dina il belt ma' New York. Sejjer ijcun tŭil 7,400 pied u sejjer ikum ma'l erba miljuni liri sterlini. Jcunu jgħaddu minn fuku culljum ma'l ħames mitt elf ruħ u jiflaħ m'al għoxrin elf tunullata. Il gumni ta'l fildiferru jcollhom żeŭġ piedi djametru cull ŭaħda.

**Fl-Inghilterra,** scond ma jgħarrafna li « Scribner's Magazine » jintefku ma'l ħamsa u erbgħin miljun lira sterlina f'is-sena fi « sports » (logħob): kejsa lira f'is-sena cull ras.

**Madame Currie,** u m'hux żeŭgħa, sabet il metall » radju » li kaleb il chimica ta' taħt fuk.

**Miss Dorothy Levitt** hi actarx f'id-dinja collha il mara li taf l-actar tmixxi aŭtomobili. Darba gerriet tnejn u disgħin mil f'is-siegħa !

**WALTER,** bin Walter u Fantina Gregory, tarbija ta' seba xhur it-tajjar lejn is-sema, fl-14 ta' dana ix-xahar. Anġlu ieħor f'il Genna!

# IL FAMILJI MALTIN.

Li f'Malta chellna ħafna familji nobbli u li taŭ bosta nies li għal għerfhom jeŭ għal ħila cbira tagħhom għadhom imfaħħrin sa'l-lum, insibuh ma tul l-Istorja tagħna collha. Nibdeŭ biex ingħidu li il bidu ta'n-nisel tagħna jeŭ hu gej m'il Fenici li chienu l-actar nies ħaŭtiela u kalbiena ta' dac iż-żmien u li ħalleŭlna ħafna invenzjonijiet sbiħ, bħal ma huma in-navigazzjon b'il bastimenti, il ħgieġ, il porpra ta'l ħarir u xi oħrajn; jeŭ minn daŭc il ġnus ta'l Libja li m'il monumenti li ħalleŭlna nistgħu malajr niħtebħu li chienu il kuddiem ħafna, għal daŭc iż-żmienijiet, f'il għerf u f'is-snajja. Mela daŭc li aħna imnisslin minnhom aħna sa elfejn sena kabel il miġja ta' Cristu f'id-dinja chienu ġa nies imdaŭŭla u imħarrġa f'il għerf, f'il ħin li ġnus oħra u fosthom l-Ingliżi sa'l miġja ta' Cristu chienu għadhom ġnus salvaġġi, għerieŭen u bla daŭl ta' xejn. Il fuħħar u il għodod li insabu midfuna u xi statŭi u oġġetti ta'l metali flimchien m'al ħafna scrizzjonjjiet minkuxa fuk l-irħam juruna b'iċ-ċar li haŭn f'Malta iċ-civilizzazjoni nibtet cmieni ħafna u ma satax jonkos billi il gżira maħbuba tagħna ma hix tant f'il bogħod minn Ruma li chienet il kalba ta' cull għerf u ta' cull daŭl f'daŭc iż-żmienijiet.

Għaldakstant la chien haŭn il għerf u il ħila f'is-snajja u monumenti cbar bħal daŭc li bakgħilna sa'l-lum ma satax jonkos li in-nobbli ma iffaċċaŭx cmieni ucoll u li minn daŭc iż-żmienijiet f'il bogħod ma bdeŭx jinbtu ħafna familji seŭŭa.

Scond ma jgħarrfuna Abela u Ciantar, għalchemm ftit ta min jorbot fukhom għal daŭc li huma fehmiet fuk l-Istorja tagħna, Malta fi żmien il Grieghi chienet Repubblica u chienet tmixxi ġa ruħħa b'idejha u għaldakstant ma hi xejn ħaġa cbira chiecu l-Inghilterra tatina l-aŭtonomija ġa la darba chellna irriedni f'idejna m'al elfejn sena ilu. Mela chien haŭn il cbarat u il familji tagħhom li bakgħu nieżlin taħt sura oħra sa'l-lum. Dac iż-żmien Malta chelliha ġa id-dritt li tħabbat il flus u il midalji u li iżżomm ix-xŭieni armati, li darba salvaŭ ŭaħda ta' Falaride, it-tirann famus ta' Serkuża.

Fi żmien il Cartaginiżi ucoll f'Malta chellna ħafna familji nobbli għaliex nafu li meta ir-Rumani, scond ma jgħarrafna l-istoricu famus ruman Livju, ħadu irsiera minn haŭn Malta elfejn suldat u biegħuhom f'Marsala fi Skallija ma biegħux magħhom in-nobbli li chien hemm iżda ħaduhom magħhom. Fi żmien ir-Rumani cullħadd jaf li aħna conna « sħab » tagħhom u m'hux sudditi u li aħna chellna l-Ambaxxatur tagħna f'Ruma, kuddiem is-Senat biex jakbeż għalina. Sa chemm ir-Rumani, li f'dac iż-żmien chienu ħafna mimlija bihom infushom, tellgħuna ma spallithom bħalha «sħabhom» ŭieħed jista jifhem ċar u tond li aħna ma conna xejn l-ura actar minnhom.

Malta dac iż-żmien chienet Municipju Ruman li chien jaħchem il Gżira bħal Repubblica Cullħadd jaf li meta f'd'il ħabta gie f'Malta San Paŭl sab lil Pubbliju, malti, bħalha Hachem ta'l Gżira u li jecc San Luka fl-Atti Apostolici sejjħilna « barbari » dana ma għamlux ħlief għaliex in-nies li sab haŭn ma' chienux jitchellmu b'il-latin jeŭ b'il grieg.

Forsi krajtu ucoll li f'dic il ħabta chellna lil Menandru malti, il f'Delu rebaħ b'il għerf ta' chelmtu il curuna għa's-Sultan Eŭbalu; bħal ma chellna ucoll bniedem ieħor għaref ħafna imsejjaħ Aulu Licinju li chien miġjub ħafna f'Ruma u li m'il għaref Cicerun gie imlakkam għal ħila cbira tiegħu: « l-Aristotile Malti. » U ma smajtux xi darba forsi chemm chienet imfaħħra Malta, f'daŭc iż-zmienijiet, għa'x-xakak tagħha? Cicerun stess faħħarha chemm felaħ meta chiteb contra Verre li ħarbat ŭieħed m'it-tempji famusi li chien haŭna.

Dana collu jurina ċar li jecc ma bakgħux nieżlin sa'l-lum l-ismijiet ta'l familji ta' dac iż-żmien iżda la chien haŭn dana il għerf, dina il ħila u dana il progress, ma sata jcun katt li ma chienx haŭn ħafna familji li chien ħakkhom cull tifħir. Hafna minn daŭna intilfu għaliex meta Malta ŭakgħet taħt idejn is-Saracini ħafna minnhom ħarbu u marru jokogħdu fi Lvant. Aħna nafu li il Maltin ma setgħu katt jiftiehmu u jitħalltu ma's-Saracini u l-actar imħabba f'it-tŭemmin tagħhom li ma chien jakbel xejn ma' ta' missierijietna. Għaldakstant nistgħu ingħidu li aħna imnisslin minn daŭc il ftit familji li bakgħu moħbija ġ'ol catacombi u minn ulied daŭc is-suldati Calabrisi, Normanni u Skallin li gieb miegħu il Conti Ruggieru meta ħeles lil Malta minn taħt idejn is-Saracini; u billi ŭara Malta ŭakgħet taħt idejn l'Isvevi, l-Anġojjini u l-Araguniżi ma jistax icun li daŭna ma ħalleŭx il frieghi u in-nisel tagħhom f'Malta ucoll.

Mela aħna il Maltin fuk il pedament li bneŭ il ġnus ta'l Lvant—Cartaginiżi u Fenici—għandna dac li bneŭ b'demmhom il fjur ta'l ġnus ta'l Eŭropa; u għaldakstant aħna l-anelli ta'l catina bejn żeŭġ razez cbar u it-tnejn imfaħħra-l-arjana u ix-xemija; bħal ma l-ilsien tagħna fuk pedament xemi issaŭŭar u stagħna b'ħafna cliem ta' ilsna eŭropej.

Ma ninseŭx li il Captan General spanjol Ruġġieru Loria chien ħalla haŭn Malta, fi żmien l-Araguniżi, igifieri f'il bidu ta'l 1500, mitejn suldat catalan u li minn daŭn bakgħu nieżlin bosta familji bħal ma huma Galdes jeŭ Caldes, Cardona, Monpalau, Xirica jeŭ Xiriha, Barbara, Rioles, Sarribes, Sans, Pellegrino, Ferriol, Portella jeŭ Portelli, Begliera, Frontina, Mediona jeŭ Madiona u oħrajn li biċċa minnhom illum intilfu għad li chienu għadhom iferfru sa'l-1780.

Nafu ucoll li meta il belt ta' Celano, fl-Italja, ixxeŭŭxet contra is-Sultan tagħha, dana bagħat in-nies ta' hemm collha, fuk l-elfejn ruħ, haŭn ħecc, u b'dana il mod nissel ġo nofsna u cattar ħafna demm taljan.

Dana jurina mela b'iċ-ċar mnejn aħna imnisslin u li f'demmna għandna l-aħjar ta'l ġnus li chienu jaħcmu id-dinja ma tul iż-żmienijiet. Biss irridcom tifhmu minn dana li għedna s'issa li dac li jidher taljan f'Malta ma hux collu taljan bħal ma jaħsbu ħafna; izda ġo'l vini tagħna għandna ħafna demm spanjol billi daŭna damu jaħcmu fukna ħafna u tħalltu magħna ħafna ucoll; u ftit demm franciż hemm nieżel ucoll billi chellhom il Gżira taħt idejhom fi żmien Carlu d'Angiò.

Billi is-Saracini meta geŭ f'Malta kerdu collox, ma bakax tifchiriet ŭisk ta'l familji maltin u għalhecc l-istorja tagħhomma tantx tista tibda l-hemm m'il 1500. Biss nafu li fl-1466, fi żmien is-Sultan Ġanni, ħarget f'Malta ligi li chienet tgħid:— *« che de cetero artista, o mercante non pozza capiri in officio alcuno, tanto Regio, come Universali di la città preditta, cum utique sit ipsi civitati valde onerosum habere officiales praedictos contro la forma di costuma antiqua et observantia de la ditta citati, e di ogni ragiuni. Placet Domino Viceregi, quoad officia Capitaniae; Judicum tam civilium, quam criminalium causarum, Juratorum et Catapanarum, tamen si taliter fuerit consuetum. »*

Fi ftit cliem dana jfisser li scond dina il-ligi, l-ebda ŭieħed ta's-sengħa jeŭ mercant ma sata jilħak f'post għoli f'il Gżira u għalhecc daŭc collha li laħku chienu frieghi ta' familji nobbli maltin.

(*Jissocta.*)

# Għomja Famusi.

### Galileo Galilei

għema xi tliet snin kabel ma miet u għalhecc ma nistgħux ingħidu li sar bniedem cbir billi studja meta chien għama, għad li meta gie dana il gũaj icreħ fuku baka jistudja u jicteb bl-istess ħrara. Dana jista jissejjaħ ũieħed m'il martri ta'x-xjenza għaliex għajnejh tilifhom billi chien dejjem iħares ġo't-telescopju biex jistudja il cũiecheb.

### Euleru

il famus matematicu, li ismu għadu imfaħħar u imkejjem sa'l-lum, tilef id-daũl meta chellu disgħa u ħamsin sena; u nistgħu ingħidu bla ma incunu nigdbu li għajnejh ħliehom fuk il cotba. L-"*Elementi ta'l Algebra,*" ctieb imsemmi ħafna u li gie tradott fl-aħjar ilsna ta'l Eũropa, chitbu meta chien għama billi chien jiddetta lil żagħżuħ li chien lavrant ma' ħajjat; u li għad li meta beda jicteb ma chienx jaf biss xi tfisser il chelma "*algebra*" meta spiccaũ il ctieb sar jafha fuk ponot subgħajh billi f'il ctieb dina ix-xjenza chienet imfissra tant tajjeb. Chiteb ucoll għama il famusa opra "*Nuova Teoria sui moti della Luna*" u il mappi li hemm magħħa ħażżhom għama ucoll u li jgħaġġbuc chif sata jagħmilhom bniedem bla daũl u li dic il ħabta cnien imgħargħar f'nichet bla tarf billi inħarkitlu daru b'collox u b'il ħniena salvaũ lilu m'il meũt. Dam għama sbatax il sena u miet fl-1787 ta' 76 sena.

### Omeru

il cbir poeta grieg, chien għama ucoll; għad li illum hemm min ijrid ijgħid li dana ma eżista katt u li iż-żeũġ opri famusi tiegħu "*L-Iliade*" u "*L-Odissea*" ma chitibhomx hu iżda lakkathom minn ħafna poeżiji oħra li chienu jitgħanneũ kablu.

### G'anni Milton

il cbir poeta ingliż, chien għama meta chiteb il "Paradise Lost" li hi ũaħda m'il isbaħ poeżiji li katt inchitbu f'id-dinja. Għajnejh ħliegħom bl-istudju u intfeũ għal collox meta chien kiegħed jicteb il famusa difiża ta'l poplu Ingliż contra Salmasju li żebilħu ħafna; u għad li meta chien kiegħed jicteb din l-opra intebaħ x'chien gej fuku ma riedx jitlakha mn'idejh u baka sa lestiha għad li ħallasha kares bl-egħżeż ħaġa li chellu—id-daũl ta' għajnejh.

Il "*Paradise Lost*" bdieh meta chellu erbgħa u ħamsin sena u dam jictbu erba snin billi chien lest fl-1665. Stampaħ sentejn ũara għaliex l-ebda editur ma ried jintriga minnu u ta'l manuscritt ma taũħx ħlief tmien liri f'il ħin li Byron ta' cull poemett milli għandu laħak daħħal seba mitt lira minn għand l-editur tiegħu Murray.

Chiteb ucoll meta chien għama il "*Paradise Regained*" li ma tantx irnexxa bħal l-ieħor; is-"*Sampson Agonistes*" u oħrajn li għadhom ijgħaxxku lil cull minn ijħobb l-ilsien ingliż sa'l-lum.

### Frangiscu Salinas

chittieb ta'l musica spanjol m'il aħjar tũieled għama. Dan għix f'is-seclu sittax u irnexxa f'il-lingũi u f'ix-xjenzi ucoll. Laħak Professur ta'l Musica fl-Università ta' Salamanca u chiteb opra sabiħa b'il latin fuk il musica li għadha imfaħħra sa'l-lum.

### G'acbu Gregory

il famus astronomu li ivvinta it-telescopju ta'r-riflessjoni ta'd-daũl għema f'dakka ũaħda, ta' sebgħa u tlietin sena, meta chien kiegħed jistudja is-satelliti ta'l pjaneta Ġjove; u b'il għalja miet ftit granet ũara.

(*Jissocta.*)

★

# Esperanto

Billi ili ħafna ma ngħallimcom xi ħaġa fuk dina il-lingũa tant sabiħa u meħtieġa ħalli, kabel nibda infehimcom xi ħaġa oħra fuk il grammatica, nagħmlilcom ftit tħarriġ li jidħol fiħ dac collu li fehimtcom s'issa biex jidħol aħjar ġo moħħcom.

*Patro kaj frato*—missier u ħu.

Ftacru li fl-Esperanto, bħal ma ucoll f'il malti, articolu indefinit (*un, uno, una* f'it-taljan; *a, an* fl-ingliż) ma hemmx; f'il-latin hecc ucoll.

*Leono estas besto* - L-iljun hu bhima.

Il verb *esti* (tcun, essere, to be) dejjem irid ũarajh innominattiv u għalhecc ma jieħu katt l-N ta'l accużattiv.

*Rozo estas floro kaj kolombo estas birdo*—Il ũarda hi fjur u il ħamiema hi għasfur,

*La rozo appartenas al Teodoro*—Il ũarda hi ta' Doru.

Haũnhecc nużaũ l-articolu difinit LA għaliex nafu liema ũarda hi.

*La suno brilas*—Ix-xemx tiddi.

*La patro estas sana*—Il missier hu b'saħħtu.

*La patro estas tajloro*—Il missier hu ħajjat.

*Infano ne estas matura homo*—It-tifel ma hux ragel fatt, imdaħħal f'is-snin.

*La infano ne ploras plu*—It-tifel ma għadux jibchi iżjed.

*Kie estas la libro kaj la krajono?*—Fejn huma il ctieb u il-lapes?

Il verb ma jitbiddilx chif għedna għal plural u għalhecc tgħid *estas* m'as-singular u *estas* m'al plural. Fl-ingliż ucoll tgħid *you are* għa's-singular u *they are* għal plural.

*La libro estas sur la tablo*—Il ctieb kiegħed fuk il mejda,

*Kaj la krajono estas sur la fenestro*—u il lapes hu fuk it-tieka.

*Sur la fenestro estas krajono kaj plumo*—Fuk it-tieka hemm lapes u pinna.

*Jen estas pomo*—Ara haũn tuffiħa.

*Jen* b'it-taljan tfisser *ecco*.

*Jen estas la pomo, kiun mi trovis*—Ara haũn it-tuffieħa li jiena sibt.

*Kiun* kiegħda fl-accużattiv b'iż-żieda ta'l N billi hu l-*oggett* li sibt jien; u ftacru li *is* tfisser l-imgħoddi f'il verb.

*Sur la tero estas pomo*—Fl-art hemm tuffiħa.

*Leono estas forta*—L-iljun jiflaħ.

*La dentoj de leono estas akraj*—Is-snien ta' ljun huma jaktgħu.

Billi l-aġġettiv irid jakbel f'in-numru ma'n-nom *akraj* hi imkiegħda f'il plural bħal *dentoj* b'iż-żieda ta'l J.

*Al leono ne donu la manon*—Lil iljun la ittieħx idec.

*Mi vidas leonon*—Jien kiegħed nara iljun.

*Mi parolas pri leono*—Kiegħed nitħaddet fuk iljun.

*La patro estas bona*—Il missier hu tũajjeb.

*Diru al la patro ke mi estas diligenta*—Għid lil missier li jien attent.

L-imperativ igifieri meta jġġigħel lil xi ħadd jagħmel xi ħaġa isir billi iżżid U ma'l għerk ta'l chelma; mela *dir-u*, għid; *am-u*, ħobb; *labor-u*, aħdem; *kant-u*, canta; *skrib-u*, icteb.

(*Jissocta.*)

# RUSANNA

—"Iva binti,'' kalilha husbien husbien Censu. "Meta üiehed jinxtehet b'ir-ruh u il gisem lejn id-dinja, u f'kalbu jidhlu tant xeükat li jicber jeü li jistaghna, u jibda jiggiera üara tant pjaciri ohra, u jindehes ma' nies godda, eh, binti, chemm jarahom chieshin in-nies ta'd-dar, chemm ma jsibilhom grazzja ta' xejn. U xejn tahseb, Ros, li daün hüejjeg godda, lè, xejn affattu. Ftit haün irgiel f'id-dinja li ma xorbux minn dana l-ilma, u jien fi tfuliti ghamiltu tieghi ucoll.... Blughat! xi trid taghmel, mohhu ghadu fuk il üerka, fl-ahhar jehtieglu jitghallem spejjes tieghu."

—"U int gharaft hlist minn da'x-xbiec karrieki li firxitlec id-dinja, u rabbejt il ghakal u ghext ta' ragel seüüa. Forsi Carlu ghad jigrilu bhalec, forsi ma jdumx ma jkatta il ghamad li ghandu fuk ghajnejh. Zi, Carlu, hux tasseü ? ma ghandux kalbu hažina. Jisbel ta' cull üahda ghal xejn, ighaddu minn fuku xi mumenti coroh, iżda üara ma hux hu, tista tkatta u tiecol minnu, ghandu kalbu ta'z-zoccor.... Min jaf chiecu issibu xi darba f'sictu, tmurlu ghal harirtu u iżżerżaklu helu, bla ma tnaffru, xi chelma int, minnec dejjem sama, u jhobboc daks daül ghajnejh. Forsi nitlob il Madonna, jbiddel hajtu...."

Censu ferfer rasu u nfexx f'dahka smargassa.

—« Carlu jbiddel hajtu ! Tara l-ilma jisfen, issib fula f'kargha, tilmah hmar ijtir, huma actar hüejjeg li jistghu jsiru malajr minn dan li kieghda tghid int. Biex bniedem ijrabbi il ghakal, ijrid ijdum ijhocc gheddumu m'hux ftit, bhal ma suldat tajjeb irid ijcun ilu jitharreg is-snin il cbar, u jrid icun jaf ucoll x'toghma fihom il balal u id-dakkiet ta'x-xabla ta'l ghedeüüa u ma tfattrux hecc, tibżax, chif gieb u lahak. Il cugin tieghec ghandu da'l ktiegh ta' kalb tat ghaliex ? ghaliex ghadu ma sammarx f'il hajja li gejja tieghu pont li fih ijrid jasal. Jehtieg li üiehed ijüebblu b'xi haga halli tara imbaghad chemm tisüa il hila ta' Carlu. Taf x'cont nismaghha tghid l'ommi, Alla jahfrilha, li il hmar trid thaddmu gha'r-rasu. Jien ili nahleb mohhi biex ninbxu ghal xi haga u ingeghlu jmidd ghonku ghaliha. Ghandi f'rasi xi haga, iżda kabel ma nifliha u nixtarrha seüüa ma nżerżakhilux, gha'x hu macacc, ijxommni minn mitt kama boghod u jobżokli il-lixca...."

—«Zi, da'l hoss ta' mixi hu tieghu. Iva, zi, d'id-darba smajt seuua, naghrafha il mixja tieghu jien,'' kalet mahsuda mahsuda, Rusanna, x'hin semghet lil Carlu tiela jghaggel donnu suffarell it-tarag ta' fejn chienet il camra taghhom.

—»Mela hejt xuftejc, li ma jindunax li conna kieghdin inghārblu ghamilu.... Compli akra fejn irhejt l-euuel.» kallha Censu.

Rusanna semghet minnufih minn dac li kallha, iżda x'hin kabdet takra lehinha beda jirtoghod, u jecc uiehed chien jokghod ftit attent chien jintebah li kalbha chienet kieghda thabdonnha macna ta' vapur. Ghad li ghajnejha chienu kieghdin jakrau l'ittri u xuftejha chienu jdommu il cliem : iżda uidnejha u hsiebha chienu biss f' Carlu, u m'il hsejjes li beda jaghmel chienet taf li bexxak il bieb, li dahal u li dendel cappellu f'il grampun li chien hemm ma'l hajt ta'l camra.

Billi semaghhom jakrau ma riedx ifixchilhom, u ghalhecc lankas tahom il-lejl it-tajjeb. Hares harsa lejnhom, berrah ittieka, inxtehet b'mincbejh f'hogorha u kaghad jissamma ghall-ahhar lehnijiet ta'l Belt li chienet kieghda tixxahxah fi-nghas ta'l-lejl.

Rusanna meta hassitu hemm geü tala' demmha collu gha'rrasha, bdiet tghedüed il cliem bla ma taf x'inhi tghid. Üara li krat ftit iehor üaslet f'dic ir-rocna ta'l gazzetta li tintrafa biex fiha jigu mgheddsa chemm ahbarijiet jigbor min jictibha, igifieri üaslet biex takra il «Haga u Ohra.»

Carlu, billi ma chienx hemm x'jigbdu u x'ijxehbu f'it-triek üidnejh üakghu fuk dac li chienet kieghda takra Rusanna, li b'il bosta ghogbu.

Üara li dina semmiet hafna serk u ktil li chien sar, hruk ta' teatri u hüejjeg ohra minn d'il ghamla, üaslet f'dan l'articolu li kankal m'hux ftit il curzità ta'Carlu:

« Üiehed laüżar minn Besanzon, jismu Pietru Lefevre, mimli b'id-djun u li f'daru ma bakaghlux hlief art u sakaf üahhalha f'rasu li ghandu jistaghna. Ghamel hsieb li jitlak ghal ghonk it-triek biex jara chif jinfed fl'Indji billi semaghhom ijghidu illi s'at-trab ta' hemm hu deheb u djamanti m'ill'isbah. Biegh il ftit xarbitelli li chien bakaghlu, mar Bordeaux (Bordò) u dahal bhalha seftur ta'l ccina fuk bastiment merican. Minn dic in-nhar sa'l-lum ghaddeü tmintax il sena shah u hadd ma sama b'ahbaru iżjed. Üara da'ż-żmien collu niesu hadu ittra fejn baghat ijghidilhom, b'ghageb cbir taghhom, li ma jdumux ma jaraüh ma' üiċċhom, u gharrafhom ucoll li üara tant thabric u tahbit, üara li kala fuk üiċċu addoċċ, fakghulu ghajnu u iċċungaülu drieghu, chellu il hila jgabbar ghokda flus gmielha—żeüg miljuni!!!...»

Carlu li chien sama jinkara l'articolu collu bi hrara l'actar cbira, malli sama tfakka dic il bomba ta'l ahhar, collu mibluh kal:

—«Żeüg miljuni??!!» u baka b'halku miftuh donnu bieb ta' forn biex jara jistax jifhem chemm issarraf dina is-somma hecc cbira.

*(Jissocta.)*

★

# SFORJA TA'L PAPIEF.

XXVII.

## S. FELIC.

**Saltan ghal sentejn, hames xhur u hamsa u ghoxrin jum. Lahak f'is-sena 272 u miet f'is-sena 275.**

Ruman, bin Costanzu. Ried li il kuddies ijsir fuk l-okbra ta'l martri. Hadha b'hegga cbira contra it-taghlim karrieki ta' Sabellju u ta' Paulu minn Samostata. Billi regghet tkanklet taht l'Imperatur Aüreljanu il killa contra l-insara miet martri ma' hafna ohra gha't-tüemmin ta' Cristu. Iżda dana l-Imperatur chiefer lahkitu id Alla billi üaka mejjet taht ix-xabla ta' Mucapore.

★

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Lulju.

19—1675. Bdiet il pesta li fiha mietu fuk erbatax il elf ruh.

20—1830. Saret tempesta cbira.

21—1836. Hargu xi ligijiet criminali godda.

22—1795. Beda jinbena il Forti Tignè.

23—1786. Giet iċċonsagrata il Cnisja ta' S. Calcidonju.

24—1690. Miet il Gran Mastru Carafa.

25—1678. Malta inżeghdet b'il grati.

# IS-SAHHAR FALZUN.

Is-sogħba ta' dac li ġara bdiet tiġbidlu iżjed kalbu lejn sidtu Carmena u xtak li jroddilha b'gid dac in-nichet li bla ma ried ġarrafha fih.

F'chemm trodd salib tgherbeb lejn il Birgu, tala jilgħeġ fejn il Cavalier u infexx jibchi għarcoptejh f'riġlejn Carmena,

—"Ja sidti.... ja sidti.... chif se'r nakbad natic il bxara.... chemm għali jaħasra gibtec fih.... aħfirli jaħasra, aħfirli...." kal imbicchi Hamid f'il ħin li beda jkatta xagħru....

Carmena stabtet ŭaranijiet, chalet bħal bringiela, cheshet bħal biċċa silġ, ceċċchet snienha bħal ŭaħda b'it-terzana u bla ma setgħet tibchi għajjtet:— "is-saħta tiegħec fuki.... għal l-imħabba bla tarf li chellec lejja jien kalb ta' għul aħrax kridtec...." u bdiet tingħi bħal riefnu f'lejl kierah ta'x-xitŭa.

De Saqueville ħass kalbu titniggheż għal dac il ħrieb collu li chien għamel, għal ħruxija ta' kalbu; refagħha minnufih m'il art, Hamid għinu ucoll donnu mibluħ, u kiegħduha fuk sodda; Ŭenza malli semgħet dac il ħoss telgħet tiġri it-tarag sitta, sitta biex tara x'ġara; neŭŭlet dicment il ħall-il-ŭard u il Cavalier beda ixammemhula ma imnifsejha f'il ħin li il kaddejja bdiet ixxarrbilha ŭiċċha bl-ilma chiesaħ ħalli tistejken..

Ŭara ftit infexxet f'bichja cbira u collha chemm huma bakgħu donnhom imbiccmin iħarsu lejha tolfok u tati fuk ŭiċċha chemm tiflaħ.

De Saqueville meta ħalliha tinfexx ftit kagħad b'il kiegħda fuk tarf is-sodda u beda jsabbarha u kallha li dac ma chienx ŭakt il bichi iżda ŭakt li ŭieħed jara x'jagħmel biex il biċċa ma tigix bi cbira iżjed. Kallha li missierha chien ilu jistenna siegħtu u li ix-xbejbiet collha f'pajjisu chienu, fl-ibleħ tagħhom, jiżolku xi żelka.... u li chien kiegħed jistenna li il Papa jħollu m'il ŭiegħda biex ijcun jista kuddiem cullħadd ijseŭŭi dic il ħsara li għamel.... li hu chien jibka jħobbha u jakbeż għaliha sa'l meŭt.... u li kabel jinfdu lilu minn banda għal l-oħra ħadd ma chien jizżarġan ijmidd sebgħu biss fukha.

Hamid kabeż kal li Ambroġ malli jŭassal lil Hachem il Catidral actarx chien ijlebbet lejn il Birgu biex ijsibhom u għalhecc ŭieħed aħjar jara x'jagħmel biex ijŭarrab rasu għaliex billi jokogħdu jitbeccheŭ hemm lil Hachem ma chienux sejrin ijgibuh ħaj actar sgur.

Carmena fehmet li għalchemm il cliem ta' Hamid chien jiebes iżda chien kiegħed ijgħid seuua u għalhecc kaltilhom biex ijgħidulha x'għandha tagħmel u hi tokgħod għal dac li jgħidu huma bla telf ta' żmien.

Hamid kal lil De Sacqueville li aħjar ijlibbsuha ta' ragel biex ankas tati f'il għajn u il Cavalier ħataf il chelma u giebilha libsa ta'l caċċa minn tiegħu u cabozza ħoxna u ħalleuha tilbes. Hamid ħareġ ijsib caless tajjeb u Ŭenza niżlet thejji, chif kallha il Cavalier, bixchilla bl-ichel biex jieħduha magħhom. Il Cavalier daħal gieb l-imfietaħ ta' San Paŭl ta't-Tarġa u żeŭġ stalletti biex jaħbuhom fi ħżiemhom għal cull saram li setgħu jiltakgħu miegħu. Lil Hamid ħejjielu ucoll pistola iccargata u curbaċċ għall idu; u ŭara li kiegħed l-imfietaħ u ftit gordi imgħeżŭra f'carta f'il bixchilla li giebet il kaddejja, daħal fejn Carmena u beda tant imellisha u jżiegħel biha li ħdiet m'it-telfa bichi li chienet iddaħdħet fiha.

Kallha li jisgħob bih li laħak ŭiegħed lil Balliju De Goutre li għandu jmur jiecol miegħu għal dic il-lejla għaliex chiecu chien ijmur ijŭassalha hu f'loc Hamid, iżda li ma satax jagħmel ieħor billi dana il Balliju chien jagħmel minnu u ma riedx ijħassbu ħażin. Biss ŭiegħidha li ma's-sebħ, malli jeħles minnu, chellu jlebbet ħdejha biex jiftieħmu aħjar x'chellhom jagħmlu.

Carmena, ŭara dic l-imħabba collha li ħalfilha il Cavalier, katt ma stenniet li m'il eŭŭel lejla sejjer iħalliha ŭieħidha biex ijmur jitbagħrad għand dac il Balliju li dejjem chienet tisma lil missierha jgħid li chien ŭieħed m'il agħar nies li ŭieħed chien jista katt ijdendel cusu magħhom; u x'ħin kalbha riedet iċċarċar id-demm, fehmet dac il cliem li f'il għodu chien kallha Ambroġ li l-imħabba ta'l Cavalier ma chienitx ħlief xeŭka ta' ftit ħin, u inchejja ħarxa contra il familja tagħha. Habtec sejjra iċċanfru, turieh ftit ta'l għejra, tiddendel ma għonku biex b'il ħniena titolbu li jmur magħha u ma jitlakiex ŭieħidha f'idejn l-irsir tagħha f'loc ŭaħxi bħal dac u f'lejla mudlama u xitŭija bħal dic, iżda il Cavalier żamm ruħu jiebes, biesha biered, biered fuk ġbinha u kallha li ma giebhiex hemm biex tibda ixxicclu u iġgegħlu jicsirha ma' ħbiebu.

*(Jissocta).*

★

# X'INHU IL FERMENTIN?

Dina il mistoksija għamluhieli bosta imsieħbin u għalhecc irrid ingħidilhom fi ftit cliem li hi l-aħjar medicina (u li hi illum miexja ħafna) għa'd-diabete, għall'infjammazzjoni ta'l istoncu u ta'l imsaren u biex ŭieħed ma jimradx b'il pullagra u b'il ħagra fl-aŭrina.

Il **Prof: Ant: D'Amato** ta'l Università ta' Napli kal:— *« li għal gid ta'l bniedmin li jinsabu morda ijrid ijfaħħar lil « Fermentin » billi fejjaklu ħafna morda b'id-diabete u m'hux biss kanklilhom l-aptit iżda saħħaħhom m'il ġdid chif chienu kabel »*

Dana hu ŭieħed m'il akŭa tobba li hemm f'Napli u għalhecc il fehma tiegħu tisŭa mitkla deheb.

Ippruvaŭh u ixtru imkar flixcun billi jimbieh fl-Ispiżżeriji collha.

★

# AVVIS.

**Il Bord tal Istitut ta'l-Arti u's-Snajja 'VINCENZO BUGEJA,' msejjah biex imexxi il-Legat ta'l-Arti u's-Snajja, iddecida illi jibda it-tagħmil tas-Snajja u jiftaħ għal issa il Corsijiet li gejja:—**

**a) Disinn, lineari u geometricu, bl'applicazionijet tiegħu.**
**b) Pittura decorativa, bl'applicazzionijet taħħa.**
**c) Scultura Decorattiva, bl'applicazzionijet taħħa.**
**d) Tgħakkid u xogħol tal injam.**
**e) Tgħakkid u xogħol tal hadid.**
**f) It-tifsil tal hajjata.**
**g) Aritmetica bin-numri u'l hzuz giodda, dauc li ighidulhom "Grafica Statica" fis-sengha tal Bini.**

**Il Bord izomm id-dritt li inakkas minn dawn il Corsijet li semmejna jew jzid ohrajn scond il bzonn.**

**Ghalhecc cull min icun irid jidhol f'xi Cors minn dawn li għedna jew xi ieħor li ma semmejniex, għandu f'zmien xgharejn mid-data ta dan l-avvis, jibghat ricors lis-Segretariu hawn taht msemmi, li ghandu is-setgha li jircievih.**

**Cull min iirricorri irid icun mitwieled f'dawn il Gzejjer, u ma iridx icollu inkas minn tnax il sena, u ghandu jibghat fidi tal magh-mudija u certificati tal condotta, u ighid ucoll b'il mictub f'liema minn dawn il Corsijet icun irid jidhol.**

**Il Bord mbaghad jistieden dawc collha li icunu iridu ighallmu xi wieħed jew iżjed mis-suggetti li għedna, jew suggett ieħor ta Arti u ta Snajja, li ma semmejniex, biex jictbu lis-Segretarju tal Bord, u minn għandu jistghu ucoll icunu jafu cull ma jinhtieg fuk dac li jcunu chitbulu.**

**Mill Ufficiu tal Istitut tal-Arti u's-Snajja "VINCENZO BUGEJA"**

**151, Sda. Cristoforo, il Belt.**
**fid-29 ta Mejju, 1909.**

**ALFONSO M. MICALLEF**
**Membru u Segretariu.**

L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imũakkaf fl'1888 jinsab f'ũieħed m'il aħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffrequentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingũa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Min jixtiek jitgħallem, bi prezz żgħir, jagħmel imbit m'il għeneb frisc jeũ m'iż-żbib imur għand Adrian Sammut ta' Pjazza St: Agostino, il Ħamrun u sgur joħroġ jiftaħar.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu ċhemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ibegħlu ũcoll. Collox irħis u iggarantit.

Min hu marid bl-ANEMIJA (ŧakar ta'd-demm) u jrid ifiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh ŧukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiħ fl-ispiżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaũh gid jagħmlilcom sgur.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħũienet principali.

F'daũna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Il Cav: Orazju Agius ta' Bormla jixtiek jibdel id-dar u mezzanin, bil ġonna, li għandu f'Ũied-il-Għajn ma' genb il Cnisja ta' S. Anna ma xi dar f'San Giljan jeũ xi loc ieħor fejn il baħar.

Min irid jixtri rigali jeũ oġġetti ta'l metal bi rħis, cartolini, xcubetti antichi toroc jeũ bolli użati jmur għand Barthelemy Pisani, Strada Levante, 150 il Belt.

Min irid jixtri imbit u żejt m'il aħjar u bi prezz li jakbel ħafna jmur għand Gużè Cassano, Str. Due Porte, L-Isla u joħroġ sgur cuntent.

Min irid jitgħallem ifassal seũũa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

**GHA'N = NERVUSI !**

Meta tħossoc għajjien, kalbec seũda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaũũeġ f'il ħajja u tibchi jeũ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseũ hemm medicina li tista tfejjakha jeũ tagħmillec ħafna gid hi

**L=ANTINEVROTICU**

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri

**CAUCAU**

**m'il aħjar, bla taħlit, bla grass u li għandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfaħħra**

**BENSDORP**

**għand il magħrufa minn cullħadd**

**C. CAMILLERI & SONS**

**50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.**

**U MA JIBDIELUX.**


**In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.**